MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 793/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
v

**MARTIN CACHIA**

**Seduta ta' llum, 29 ta' Settembru 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN CACHIA** ta' tlieta w erbghin sena bin Michael u Josephine nee Aquilina imwieled Pieta` nhar id-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 1959 u residenti 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita` numru 235859M gie imressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F'dawn il-Gzejjer xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe elf u sebgha w ghoxrin DVD, hamsin CD tal-musika u ghoxrin loghba tal-Play Station;
2. Talli fl-istess perjodu ghal qliegh, jew ghal skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;
3. Talli fl-istess perjodu bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal jew li x'aktarx jithawwad ma *trademark* registrata, jew biegh jew ikkreja, offra jew espona ghal bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkjettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak jew kellu fil-pussess, kustodja, jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat bhal dan;
4. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta datati wiehed u tletin ta' Lulju 1998, sitta ta' Jannar 1998, dsatax tra' Gunju 2001, sittax ta' Ottubru 2001 u tlieta ta' Settembru 2002;
5. Talli, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fil-hamsa ta' Settembru 2002 wara intervent u tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija fir-residenza msemmija tal-istess imputat instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depositati ghandu elf u tlettax il-Digital Versatile Disco (DVD's) li d-dazju taghhom ma kienx gie imhallas u/jew kawtelat u li wkoll kienu foloz fis-sens li kienu kkuppjati minn fuq l-originali, li kienu imitazzjoni tal-original;
6. Talli fix-xhur precedenti, bil-hsieb li jiffroda lil Gvern ta' Malta, filli bil-qerq jevadi d-dazju u/jew taxxi ohra dovuta u wkoll restrizjonijiet imposti jew kellu

x'jaqsam filli jigu impurtati ghalih dawn id-DVD's, liema DVD's li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, ghandhom valur totali ta' elfejn hames mija tnejn u tletin lira u hamsin centezmuu Dazju dovut ta' mija erbgha w ghoxrin lira disgha centezmi u zewg millezmi, liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

7. Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa akkuzat talli fil-hamsa ta' Settembru 2002, wara intervent u tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija fir-residenza msemmija tal-istess imputat instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depositati ghandu elf u tlettax il-Digital Versatile Disco (DVD's) li d-dazju taghhom ma kienx gie imhallas u/jew kawtelat u li wkoll kienu foloz fis-sens li kienu kkuppjati minn fuq l-originali, li kienu imitazzjoni tal-original;

8. Talli fix-xhur precedenti, bil-hsieb li jiffroda lil Gvern ta' Malta, filli bil-qerq jevadi d-dazju u/jew taxxi ohra dovuta u wkoll restrizjonijiet imposti jew kellu x'jaqsam filli jigu impurtati ghalih dawn id-DVD's, liema DVD's li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, ghandhom valur totali ta' elfejn hames mija tnejn u tletin lira u hamsin centezmuu Dazju dovut ta' mija erbgha w ghoxrin lira disgha centezmi u zewg millezmi, liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti giet mitluba li tiehu in konsiderazzjoni l-Att 62, proviso tal-Kap 37 li jghid "*izda wkoll meta jinstab hati, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bhal dejn civili li ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lil Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili maghmula bejn l-Gvern u l-hati*".

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti u flus esibiti f'dawn l-atti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2002 esebit fl-atti a fol 19 w immarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003, kif jirrizulta a fol 29 tal-atti.

Rat t-talba tad-Difiza sabiex il-Prosekuzzjoni tesibixxi ittra anonima li allegatament irceviet.

Rat il-verbal registrat mill-Prosekuzzjoni registrat fl-atti nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003, fejn opponiet t-talba tad-Difiza ghaliex stqarret li l-informazzjoni li rceviet kienet ta' natura kunfidenzjali w anonima u ghalkemm l-ittra kienet dattilografati, hemm certi ndikazzjonijiet li jistghu jwasslu ghal awtur ta' din l-ittra.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tghamilha cara li ghalkemm il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq provi kemm favur kif wkoll kontra l-imputat, xorta ghandha l-fakulta li taghzel xi provi tressaq sabiex tissostanzja r-reat li takkuza bniedem bih u fil-fatt jekk hija tonqos li tipprovdi provi li huma mportanti ghas-sejba ta' htija, imbaghad tbati l-konsegwenzi ta' tali agir.

Huwa obbligu tal-Prosekuzzjoni li tassumi responsabbilita tax-xelta tal-provi li hija taghzel li tressaq.

Minn naha l-ohra jekk id-Difiza thoss li l-Prosekuzzjoni ghandha tressaq xi provi mhux migjuba mill-istess

Prosekuzzjoni, ghandha almenu tiddikjara l-importanza jew relevanza ta' tali provi.

F'dan il-kaz, il-Qorti ma thossx li d-Difiza rnexxilha tissostanzja t-talba taghha ghal produzzjoni ta' tali dokument u dan fi kliem iehor ma gabitx l-oggetti tal-prova tieghu.

**Konsegwentement il-Qorti tiddecidi billi tichad t-talba tad-Difiza ghal produzzjoni ta' tali dokument imsemmi fil-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------